



Stampa u Informazzjoni

Fuq l-inizjattiva ta' diversi Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, ser jiġi ppreżentat *Liber Amicorum* lil Vassilios Skouris sabiex jiġu ċċelebrati t-tnax-il sena bħala kap tal-Istituzzjoni

Din l-antoloġija ser tiġi ppreżentata waqt laqgħa organizzata fit-8 ta' Ġunju li ġej fil-preżenza tal-oġġla Mħallfin nazzjonali, tar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet Ewropej u ta' personalitajiet oħrajn

Fl-okkażjoni tat-tnax-il sena mgħoddija minn Vassilios Skouris bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kumitat ifformat minn Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ppromwova l-pubblikazzjoni ta' *Liber Amicorum* li jinkludi fih kontribuzzjonijiet minn numru ta' Membri u ex Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja li kienu fil-kariga taħt il-presidenza ta' V. Skouris. Il-*Liber Amicorum* ser jiġi ppreżentat fit-8 ta' Ġunju li ġej lil V. Skouris minn Antonio Tizzano, President ta' dan il-kumitat bħala dekan tal-Istituzzjoni, wara laqgħa ta' nofs ta' nhar bit-tema "Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea taħt il-Presidenza ta' Vassilios Skouris".

F'din l-okkażjoni, diversi personalitajiet li kellhom, minħabba fil-funzjonijiet tagħhom, relazzjonijiet mal-Qorti tal-Ġustizzja u għalhekk ipprovdew il-kontribuzzjoni tagħhom għall-attività tagħha bejn l-2003 u l-2015 ser jagħtu x-xhieda tagħhom f'din l-okkażjoni taħt il-Presidenza ta' Jean-Marc Sauvé, Viċi President tal-Kunsill tal-Istat Franċiż. Minbarra J.-M. Sauvé, numru ta' Mħallfin ta' qراطي konstituzzjonali u ta' qراطي supremi nazzjonali, li huma wkoll membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE, wieħed wara l-ieħor ser jiċċelebraw dan l-avveniment, fosthom Andreas Vosskuhle, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża, Pauline Koskelo, ex President tal-Qorti Suprema tal-Finlandja u Mħallf fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Lord Mance, Imħallf tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit, u Péter Paczolay, ex President tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija.

Tliet rappreżentanti tal-istituzzjonijiet Ewropej, jiġifieri Freddy Drexler, Konsulent Legali tal-Parlament Ewropew, Hubert Legal, Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali u Konsulent Legali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u Luis Romero Requena, Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea, ser jindirizzaw ukoll din il-laqgħa, u ser ikunu segwiti minn Inguss Kalniņš, fil-kwalità tiegħu ta' aġent tal-Istat Membru li jippresjedi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u Maria Slazak, President tal-Kunsill tal-Avukatura Ewropew.

Fl-aħħar nett, Marc Jaeger, President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, u Sean van Raepenbusch, President tal-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, ser jagħlqu dan it-tribut lil V. Skouris.

Vassilios Skouris, ċittadin Grieg, li daħal fil-kariga fit-8 ta' Ġunju 1999 bħala Mħallf tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri eżattament 16-il sena mid-data tal-laqgħa, huwa l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003 u għalhekk ilu jirrappreżenta l-Istituzzjoni kollha għal kważi 12-il sena. Huwa temm l-aħħar mandat tiegħu u għalhekk ser iħalli lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-tiġdid parzjali tal-Imħallfin li jmiss f'Ottubru li ġej.

Il-laqgħa ser tixxandar b'mod dirett it-Tnejn 8 ta' Ġunju mis-14:15 fis-sit li ġej:
<http://conference.connectedviews.com/Live.aspx?i=cdj>.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355